MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Appell Civili Numru. 306/2006/1

**Ratan Mohnani**

**vs**

**Carmelo Stivala**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta’ Marzu, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza preliminari fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors fuq indikat datat id-9 t’Ottubru tas-sena 2006, li permezz tieghu r-rikorrent sejjah lill-intimat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas is-somma ta' erbat elef tlett mija wiehed u disghin Lira Maltin u hamsa u tletin centezmu, (LM4,391.35,0), jew somma ohra li tigi stabbilita minn din il-qorti minhabba danni li sofra l-attur b' konsegwenza ta' hrug ta' mandat ta' qbid numru 191/2005 fl-ismijiet Carmelo Stivala vs Ratan Mohnani liema mandat inhareg abuzivament u illegalment u dan minhabba l-fatt li l-kawza li segwiet dan il-mandat, kawza numru 48/98 fl-istess ismijiet, giet mitlufa mill-konvenut u minkejja li gie nterpellat sabiex inehhi l-mandat xorta baqa' inadempjenti;

2. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta ta' l-intimat datata l-10 ta' Settembru tas-sena 2007 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament it-talba hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost it-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur billi l-konvenut ma kkaguna l-ebda danni lill-attur;

3. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-attur ghandu jipprova li sofra l-istess danni u jispjega kif wasal ghall-ammont ta' erbat elef tlett mija u wiehed u disghin Lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (LM4391.35,0);

4. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-attur qatt ma talab dan l-ammont minghand il-konvenut;

5. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost il-konvenut esercita d-dritt skond il-ligi u

b’hekk ma jistax ikun responsabbli ghal xi danni ai termini tal-artikolu 1030 tal-Kodici Civili;

6. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-attur naqas li jiminimizza d-danni u fost ohrajn seta’ facilment ipprezenta kontro-mandat wara li giet terminata l-kawza;

7. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat il-verbal datat it-3 t’Ottubru tas-sena 2007 li permezz tieghu, wara qbil bejn il-partijiet, ordnat il-kapovolgiment tal-provi rigwardanti l-ewwel eccezzjoni sollevata;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din il-procedura hi limitata ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimat liema eccezzjoni hi ta’ natura preliminari;

Illi din l-eccezzjoni hi bbazata fuq l-artikolu 2153 tal-Kap 16 li jistabbilixxi li l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk irid jigi stabbilit is-segwenti:

1. Jekk din il-procedura hix qed titlob hlas ghall-hsarat sofferti mir-rikorrent, liema hsarat ma gewx ikkagunati b’reat;

2. Illi f'dan il-kaz, il-perjodu preskrittiv hu ta' sentejn;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrenti kien kolpit b'mandat ta' qbid datat il-31 ta' Jannar tas-sena 2005;

Illi dan il-mandat gie mahrug fuq talba ta' l-intimat odjern;

Illi a tenur tas-sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet inversi Stivala vs Mohnani, Rikors Numru 176/05 tat-22 ta' Marzu tas-sena 2005 gie ritenut is-segwenti:

1. Illi l-mandat ta' qbid in dizamina kien gustifikat;

2. Illi pero' l-elevazzjoni ta' l-oggetti in konsegwenza ta' l-istess ma kinitx;

3. Illi konsegwentement ordnat ir-ritorn ta' l-oggetti lir-rikorrent izda halliet il-mandat in vigore sakemm tigi deciza l-kawza fil-meritu;

Illi pero' r-rikorrent odjern isostni li ma kienx jaf bil-proceduri mehuda fil-konfront tieghu fil-Prim'Awla, molto piu` ghaliex dawn kienu miktubin bil-Malti, lingwa li ma jafx;

Ikkunsidrat:

Illi minn naha tieghu, l-amministratur tal-intimat isostni li mid-data tal-hrug tal-Mandat ta' Qbid in dizamina, dak datat il-31 ta' Jannar tas-sena 2005, fuq indikat, qatt ma rcevew xi ittra ufficjali, jew ittra jew xi forma ta' komunika minghand l-attur, biex ihallas xi danni allegati;

Ikkunsidrat:

Illi ai termini ta’ l-eccezzjoni preliminari sollevata, il-perjodu operattiv li din il-qorti hi obbligata tikkonsidra hu dak mid-data tal-hrug tal-mandat ta’ qbid in dizamina, il-31 ta’ Jannar tas-sena 2005, sad-data meta giet intavolata l-procedura odjerna, senjatament id-9 t’Ottubru tas-sena 2006;

Illi ghandu jkun assodat li t-terminu prefissat fl-artikolu rikjamat mill-intimat ma kienx ghadda u ghalhekk il-preskrizzjoni rikjamata ma avveratx ruhha;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, tirrespingi l-ewwel eccezzjoni tal-intimat u tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu.”

Illi l-kawza giet definittivament deciza mill-istess Qorti Inferjuri fid-9 ta’ Frar, 2010 permezz tas-sentenza infraskritta:-

“Il-Qorti,

Rat ir-rikors fuq indikat datat id-9 t’Ottubru, 2006, li permezz tieghu r-rikorrent sejjah lill-intimat biex jghid ghaliex m’ghandhux ikun ikkundannat:

1. Illi thallas is-somma ta’ erbat elef, tlett mija, wiehed u disghin Lira Maltin u hamsa u tletin centezmu, (Lm 4391.35), jew somma ohra li tigi stabbilita minn din il-qorti minhabba danni li sofra r-rikorrent b’konsegwenza ta’ hrug ta’ mandat ta’ qbid numru 191/2005 fl-ismijiet Carmelo Stivala vs Ratan Mohnani liema mandat inhareg abuzivament u illegalment u dan minhabba l-fatt li l-kawza li segwiet il-mandat, kawza numru 48/98 fl-istess ismijiet, giet mitlufa mill-intimat u minkejja li gie interpellat sabiex inehhi l-mandat xorta baqa` inadempjenti;

2. Bl-ispejjes kontra l-intimat li huwa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota responsiva tal-intimat datata l-10 ta' Settembru, 2007, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament it-talba hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost it-talba tar-rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes billi l-intimat ma kkaguna l-ebda danni lir-rikorrent;

3. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost ir-rikorrent ghandu jipprova li sofra l-istess danni u jispjega kif wasal ghal ammont ta' erbat elef, tlett mija, wiehed u disghin Lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm 4391.35);

4. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost ir-rikorrent qatt ma talab dan l-ammont minn ghand l-intimat;

5. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-intimat esercita d-dritt skond il-ligi u b'hekk ma jistghax ikun risponsabbli ghal xi danni ai termini tal-artikolu 1030 tal-Kodici Civili;

6. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost ir-rikorrent naqas li jiminimizza d-danni u fost ohrajn setgha facilment ppresenta kontro-mandat wara li giet terminata l-kawza;

7. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;

Rat is-sentenza preliminari taghha datata s-17 ta' Marzu, 2009, limitatament ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimat, senjatament dik preliminari koncernanti l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16, li permezz taghha u ghar-

ragunijiet hemm esposti, din l-ewwel eccezzjoni giet respinta u konsegwentement giet ordnata l-prosegwiment tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet, u din id-darba fuq il-meritu tal-vertenza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fil-31 ta' Jannar, 2005, inhareg mandat ta' qbid kawtelatorju fil-konfront tar-rikorrent mill-kreditur, illum intimat Carmelo Stivala, fl-ammont ta' sbatax-il elf, hames mija u erba` u sittin Lira Maltin u erbghatax–il centezmu, (Lm17,564.14), allegatament ghall-ammont dovut mir-rikorrent odjern kif dedott fil-kawza hemm indikata;

2. Illi a bazi ta' kontromandat relattiv datat l-1 ta' Novembru, 2006, l-istess qorti hemm indikata pero` diversament preseduta ordnat il-hrug tar-relattiv kontromandat stante li r-rikorrent hemm indikat ma kellux aktar interess fl-istess mandat;

3. Illi skont id-deposizzjoni tar-rikorrent odjern u kif jidher anke mill-istess dokumenti a fol 44 sa 48, ir-rikorrent odjern ma giex debitament notifikat bl-istess kontromandat – u allura, anke ghaliex ma jidhirx li giet regolarment imhallsa d-debita notifika tal-istess;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk il-vertenza odjerna tippernja ruha fuq jekk min kien qed jezercita xi dritt li kien qed

jivvanta, ghamilx hekk skont ir-rigorozita` legali rikjesta li jpoggi lill-kontroparti f'posizzjoni li tkun tista` verament tiddefendi l-interessi taghha skont il-Ligi, u mhux tigi raggirata b'xi abbuz procedurali li ma jippermetthiex din il-possibilita`;

Ikkunsidrat:

Illi effettivament jirrizulta s-segwenti:

1. Illi bejn il-kontendenti odjerni kienet tezisti relazzjoni ta' kera bejniethom fejn anke kienu qed jiddisputaw xi drittijiet minnhom reciprokament vantati;

2. Illi skont ir-rikorrent, l-ammont ta' kera minnhu disputat kien qieghed jigi regolarment depozitat il-qorti;

3. Illi in vista tal-hrug tal-mandat ta' qbid fuq riferit il-marixxalli inkarigati kienu accedew fir-'*restaurant*' tar-rikorrent u bdew jelevaw diversi oggetti mill-istess fond;

4. Illi konsegwenza ta' din l-elevazzjoni r-*'restaurant'* kellu jinghalaq ghalkemm rega` nfetah wara erbghatax-il gurnata;

5. Illi nonostante din ic-celerita` fir-risoluzzjoni tas-sitwazzjoni r-rikorrent isostni li sofra danni ingenti fl-ammont minnhu indikat fir-rikors promotur u kif minnhu elenkat a fol 59 et sequitur;

6. Illi jirrizulta pero` wkoll li l-mandat kawtelatorju in dizamina kien ezegwit minghajr ma kien ghad hemm decizjoni finali fir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-esekuzzjoni tal-mandat in dizamina - liema mandat ta' qbid ma

kienx jikkwalifika bhala mandat esekuttiv - ma setghax jigi ezegwit, u konsegwentement, kemm l-intromissjoni esekuttiva li rrizultat ma kienitx wahda legittima kif ukoll ma jistghax jigi sostenut li l-intimat kien qed jezercita legittimament xi dritt li hu kien qed jippretendi li ghandu ghaliex kien intempestiv fl-ezercizju tal-istess;

Illi di piu`, ir-rikorrent ipprezenta dokumentazzjoni sufficjenti biex jipprova ghas-sodisfazzjon ta' din il-qorti d-danni minnhu sofferti minhabba l-esekuzzjoni ghaggilija tal-mandat de quo;

Ghaldaqstant filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha tal-intimat, takkolji t-talbiet tar-rikorrent u konsegwentement:

1. Tikkundanna lill-intimat Carmelo Stivala biex ihallas lir-rikorrent Ratan Mohnani l-ammont ta' erbat elef, tlett mija u wiehed u disghin Lira Maltin u hamsa u tletin centezmu, (Lm 4,391.35), ekwivalenti ghall-ghaxart elef, mitejn u disgha u ghoxrin Ewro u disa` centezmi (€10,229.09);

2. Bl-ispejjes kontra l-intimat.**”**

Il-konvenut appella sew mis-sentenza preliminari tas-17 ta' Marzu, 2009 sew minn dik definittiva tad-9 ta' Frar, 2010 b'dawn l-aggravji:-

1. La l-mandat inhareg fil-31 ta' Jannar, 2005 u la hu gie notifikat bl-istanza odjerna reklamanti d-danni f'Gunju 2007, l-azzjoni hi kolpita bil-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2153, Kodici Civili;

2. Kwantu ghas-sentenza fil-mertu, l-ewwel Qorti injorat l-eccezzjonijiet tieghu, senjatament dik li tikkoncerna l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 1030, Kodici Civili;

Huwa necessarju li jigi l-ewwelnett premess x'intalab mill-attur bl-azzjoni tieghu u l-fatti l-aktar rilevanti li jemergu mill-istruttorja tal-kaz. Bir-rikors promotur tieghu l-attur ippretenda rizarciment ghad-danni b'konsegwenza tal-hrug fil-konfront tieghu ta' Mandat ta' Qbid kawtelatorju da parti tal-konvenut. Huwa jikkontendi illi dan l-att inhareg abuzivament u illegalment ghal motiv li l-konvenut tilef il-kawza (Nru. 48/98) li segwiet dak il-Mandat. Minn certi dokumenti esebiti fil-process jirrizulta dan li gej:-

(1) Fil-31 ta' Jannar, 2005 fuq it-talba tal-konvenut inhareg il-Mandat surreferit Numru 191/05 (fol. 31). Ghal dan il-Mandat inhareg eventwalment kontro-mandat Numru 1622/06 fl-1 ta' Novembru, 2006 (fol. 32);

(2) Jidher li fuq it-talba ta' l-attur b'rikors Numru 176/05 ghar-revoka tal-Mandat, il-Qorti Civili Prim' Awla ddeterminat, b'digriet tat-22 ta' Marzu 2005 illi l-Mandat kien *prima facie* gustifikat, b'dan li orndat li l-oggetti prelevati mir-restaurant ghandhom jigu ritornati lura lill-attur mill-konsenjatarju. L-attur jistqarr li hu ma kienx jaf b'dan id-digriet u lanqas jiftakar meta ha pussess lura ta' l-oggetti, ghalkemm jaccetta li hadhom. Ara kontro-ezami tieghu a fol. 98;

(3) Mill-prospett esebit a fol. 59 l-attur ippretenda li kellu "*loss of business*" mill-15 ta' Frar, 2005 sas-27 ta' Frar, 2005 u inkorra fi spejjez ta' xiri u/jew ta' tiswija ta' certi attrezzi ghar-restaurant. Skond id-dikjarazzjoni ta' l-Accountant tieghu Peter Sammut (fol. 96) l-ammont attribwit ghat-telf ta' *sales* hu dovut lil India Foods (Caterers) Limited. Ugwlament, mill-fatturi esebiti minn fol. 60 sa fol. 95 jidher li l-oggetti jew attrezzi inxtaw mill-imsemmija kumpanija;

(4) Ghalkemm ma giet esebita ebda kopja tas-sentenza per Citazz. Numru 48/98 jinghad mix-xhud Michael Stivala iben il-konvenut illi din il-kawza intilfet minn missieru. Ara xhieda tieghu a fol. 100;

Premessi dawn il-fatti, in kwantu ghall-aggravju rigwardanti c-cahda tal-preskrizzjoni opposta, jibda biex jigi registrat illi kif jinghad fl-Artikolu 2137 Kodici Civili, “bla hsara ta’ disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta’ azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista’ tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta’ l-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss”. Hu spjegat mill-Qorti ta’ l-Appell Superjuri illi “t-test li trid il-ligi allura kien dak oggettiv, dipendenti mill-fatt li minnhom jorigina d-dritt ta’ l-attur li jagixxi, mhux it-test soggettiv ghall-persuna ta’ l-attur, u cjoe jekk din kienetx jew le f’kundizzjoni li tagixxi, tkun xi tkun ir-raguni” (“**Raphael Micallef -vs- Anthony Agius**”, 6 ta’ Otturbu, 2000. Evidentement, imbaghad, “iz-zmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali” (“**Joseph Stivala -vs- Prof. Joseph Colombo**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 9 ta’ Jannar, 1953). F’dan il-kaz trattasi ta’ reklam ghad-danni temerarji, id-*dies a quo* ghall-ezercizzju ta’ l-azzjoni ma setax hlief jiddependi mill-finalita` tal-kawza li permezz taghha l-konvenut azzjonat (attur fil-kawza Numru 48/98) kien ressaq il-pretensjoni kreditorja tieghu. Jikkonsegwi illi la d-dritt fl-attur odjern twieled mad-decizjoni moghtija mill-Prim’ Awla, id-dekorriment taz-zmien kellu l-bidu tieghu minn dan il-gudizzju finali u mhux mid-data ta’ l-emissjoni tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju li, wara kollox, l-istess Qorti Prim’ Awla kien hekk dehrilha li kellu jibqa’ fis-sehh pendenti l-ezitu tal-proceduri. Jigi minn dan illi z-zmien prefiss fl-Artikolu 2153 Kodici Civili, ma kienx ghadu gie estint meta giet proposta l-azzjoni fid-9 ta’ Ottubru, 2006. L-ewwel ilment qieghed ghaldaqstant jigi michud;

Issa kwantu ghat-tieni ilment fil-mertu huwa utli li jigu qabel xejn registrati dawn il-principji ta’ dritt:-

(1) Il-prova tat-temerarjeta tal-pretensjoni tal-konvenut fil-kawza l-ohra kienet tinkombi fuq l-attur, u biex tirnexxi t-talba tieghu ghad-danni minhabba dik ir-raguni hu htieglu jipprova li l-konvenut agixxa in mala fede. Hekk, kif jinzel minn gurisprudenza konkordi, filwaqt li hu

ammess illi "*è lecito al vincitore in una lite di esigere dal soccombente i danni*" dan huwa hekk koncess "*nella sola ipotesi quando il vincitore stesso è in grado di stabilire che il soccombente abbia litigato dolosamente per malizia o colposamente per grave negligenza*" ("**Negte. Carmelo Delia -vs- Giovanni Xuereb**", Appell Civili, 9 ta' Mejju, 1932). Gja infatti nghad qabel din illi "*colui che in buona fede credendosi in diritto prende i passi opportuni ai termini di legge contro un altro non è passibile di danni che questo ultimo viene in conseguenza a soffrire anche si vi rimane soccombente*" ("**Barbara -vs- Fleri *proprio et nomine***", Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Frar, 1931, konfermata in sede Appell fis-7 ta' Dicembru, 1931);

(2) Qaghda konsimili ghal din tas-sentenzi accennati kienet diga prevalenti fil-kazijiet domandanti d-danni minn min ikun kwerelat jew denuncjat b'reat kriminali, u fejn id-decizjoni tkun iddeterminat li dan l-istess reat ma jissussistix. Ukoll hawn kien ritenut illi ghas-success ta' l-azzjoni ghar-rizarciment ried jinstab illi l-kwerela jew id-denuncja saret "*con dolo o almeno colpa aquiliana*". Ara "**Reynaud -vs- Zammit**", Prim' Awla, Qorti Civili, 6 ta' Dicembru, 1869, "**Terreni -vs- Rapinett**", Appell Civili, 2 ta' Jannar, 1874 u "**Barbara -vs- Cordina**", Appell Civili, 17 ta' Frar, 1928, fost hafna ohrajn;

Hu provvdut mill-Artikolu 1030 Kodici Civili illi "kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu". Hu bil-bosta car illi, nonostante li l-konvenut appellanti jirrikjama ruhu b'difiza ghal dan il-provvediment l-ewwel Qorti mhux biss naqset milli tezaminah izda, addirittura injoratu ghal kollox. Minflok, dik il-Qorti arguwit illi la l-Mandat ta' Qbid emess ma kienx wiehed ezekuttiv jigi illi l-konvenut ma kienx qieghed jezercita legittimament xi dritt li kien qed jippretendi li ghandu ghaliex hu kien intempestiv fl-ezericzzju ta' l-istess;

Ikollu jinghad li dan ir-ragonament mhux biss ma huwiex kapibbli imma hu guridikament ghal kollox difettuz in

kwantu b'dak il-mandat, ghalkemm kawtelatorju, il-konvenut-kreditur f'dik il-kawza ried iqieghed fis-sigur il-kreditu tieghu. Dan, del resto, jinzel bic-car mid-dispost ta' l-Artikolu 829 tal-Kodici ta' Procedura Civili. Jinghad fis-sentenza "**Smith -vs- Crabbe**", Appell Civili, 24 ta' Marzu, 1873 illi "*i danni ed interessi non sono dovuti nel caso di spedizione di un mandato se non si prova che egli abbia agito con negligenza, imprudenza o disattenzione*";

Proprju in tema ghall-Artikolu 1030 Kapitolu 16 precitat gie sostanzjalment ritenut, b'rijaffermazzjoni tal-gurisprudenza prevalenti fuq esposta, illi "dan ma jfisserx li kull min jitlef kawza ghandu wkoll jirrispondi ghad-danni ghax min jezercita dritt tieghu mhux responsabbli ghad-danni li jistghu jigru, sakemm il-pretensjoni tieghu ma tkunx arbitrarja jew kapriccjuza" ("**Andrea Farrugia -vs- Giuseppe Sammut**", Appell Civili, 8 ta' Novembru, 1954). Dan il-hsieb gie sew approfondit mill-Qorti Civili, Prim' Awla, per Imhallef Joseph Said Pullicino, fid-decizjoni tieghu tal-10 ta' Jannar, 1992 fl-ismijiet "**Jane Spiteri -vs- Nicholas Camilleri**", ben konoxxuta mill-Imhallef sedenti li f'dik il-procedura kien jippatrocina lill-konvenut. In succint, dik il-Qorti kienet irragunat hekk:-

i. Il-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri (Mandat ta' Inibizzjoni) tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma jfisser necessarjament illi sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. Hu biss f'kazi eccezzjonali li dan ikun il-kaz;

ii. Jekk fl-ghemil ta' min jottjeni l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ma jirrikorrix l-element tal-vessatorjeta min jottjeni dak il-mandat mhux responsabbli ghad-danni li jista' jsofri min jissubixxi dak il-mandat;

Applikat dan kollu li nghad ghal kaz taht konsiderazzjoni huwa sew car illi minn ebda prova u minn ebda xhieda ma jirrizulta illi l-attur irnexxielu jwassal lil din il-Qorti ghal dak il-konvinciment, imqar minimu, illi l-hrug tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju mill-konvenut kien dovut ghall-abbuz

jew ghall-vessatorjeta` ossija ghal "*dolo*" jew "*negligenza colposa*", u la dan huwa hekk ma jistax ragonevolment jigi dedott illi l-pretensjoni tal-konvenut b'dak il-Mandat kienet temerarja jew kapriccjuza, avolja hu finalment issokkomba fil-gudizzju. Fl-assenza ta' din il-prova ma kienx ghall-fattispeci jimponi ruhu d-dispost ta' l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili;

Dan biex ma jinghadx, imbaghad, illi mill-provi akkwiziti hu difficli bhala kwestjoni tal-fatt kif setghet qatt l-ewwel Qorti ssib lill-konvenut responsabbli ghad-danni fil-konfront ta' l-attur personalment meta d-dokumenti u x-xhieda ta' l-Accountant Peter Sammut manifestament jillustraw illi, se mai, id-danni allegati – telf ta' qliegh u rimpjazzament ta' oggetti u attrezzi ghar-restaurant – gew effettivament subiti mis-socjeta` India Foods (Caterers) Limited, b'personalita` guridika ghal kollox distinta minn dik ta' l-attur innifsu;

Apparti taht il-profil ta' dritt, ukoll mill-ottika fattwali, is-sentenza appellata hi wahda vizzjata u ghandha tigi skartata in kwantu logikament u kongruwement inattendibbli.

Ghal motivi predetti l-Qorti filwaqt li tirrigetta l-ewwel gravam tal-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu, qed tilqa' l-appell, tirrevoka u thassar ghal kollox is-sentenza appellata tad-9 ta' Frar 2010 fil-mertu u, konsegwentement, it-talba ta' l-attur appellat fir-rikors promotur. Il-konvenut appellant ghandu jbati l-ispejjez tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti tas-17 ta' Marzu, 2009, u wkoll dawk relatati ghall-ewwel aggravju in konnessjoni mal-preskrizzjoni minnu opposta, filwaqt li l-ispejjez ta' din l-istanza in kwantu ghall-aggravju fil-mertu u ghal dawk relattivi ghas-sentenza ta' l-ewwel Qorti tad-9 ta' Frar, 2010 jibqghu a karigu ta' l-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------